# Proġett ambizzjuż iżda bżonnjuż

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

*Kien f'Novembru tas-sena 2005 meta fl-okkażjoni tat-tberik tal-qniepen ġodda ippruvajt niftaħ għajnejn in-nies għall-istat li kien fih il-bini tal-knisja. Ftit aktar minn sitt xhur ilu dan l-appell beda jħalli l-frott għaliex inbeda xogħol ta' preparazzjoni fuq il-proġett għar-restawr tal-bini tal-knisja. Nistħajjel tistaqsu, "Kemm se ndumu nisimgħu l-istess u ma narawx ix-xogħol?" Jekk trid risposta għal din il-mistoqsija, jew jinteressak li ssir taf aktar fuq dan il-proġett ambizzjuż iżda bżonnjuż, nistiednek tkompli taqra.*




Ritratt 1

Fuq kopji tal-pjanti tal-faċċati tal-knisja saru notamenti ta dawn il-ħsarat fi proċess li jissejjaħ mapping.

## Xogħol preliminarju

Qabel ma jinbeda kull xogħol ta' restawr hemm ammont ta' xogħol ta' preparazzjoni xi jrid isir sabiex il-proġett ta' restawr ikun wieħed professjonalment korrett u jħalli riżultati tajbin. Kien matul ix-xahar t'Ottubru tas-sena l-oħra li bdejna nistudjaw il-ħsarat li hemm fil-faċċati kollha tal-knisja. F'dan il-proċess jiġu nnutati l-ħsarat differenti u fl-istess waqt studjat il-kaġun ta' dawn il-ħsarat.



Fuq kopji tal-pjanti tal-faċċati tal-knisja saru notamenti ta' dawn il-ħsarat fi proċess li jissejjaħ *mapping* (Ritratt 1). Separatament minn dawn il-pjanti sar rapport tekniku bi proposti dettaljati tax-xogħol u l-interventi li hemm bżonn. Dawn id-dokumenti huma fażi importanti ħafna f'kull proċess ta' restawr għaliex mingħajrhom kull xogħol ikun qed isir mingħajr pjan u mhux professjonalment korrett. Barra minn hekk dawn huma dokumenti li jintalbu mill-MEPA sabiex jinħareġ il-permess għal dan ix-xogħol, permess li huwa meħtieġ minħabba li l-knisja tagħna hija skedata bil-liġi bħala monument bi Grad 1 ta' protezzjoni. Fil-fatt din l-applikazzjoni saret lill-MEPA fit-23 ta' Novembru tas-sena l-oħra u sakemm ġejna għall-istampar ta' din il-kitba jiddispjaċina ngħidu li l-permess għadu ma nħariġx.

Permezz tad-dokumentazzjoni li saret setgħu jinħarġu stimi għax-xogħol li hemm



Ritratt 2

bżonn li jsir u l-proġett seta' jinqasam f'fażijiet differenti.

Fl-aħħar tas-sena l-oħra ġie mniedi l-proġett u tnediet kampanja ta' ġbir ta' fondi. Saret ukoll preżentazzjoni teknika fejn ġiet spjegata l-ħsara li hemm fil-faċċati differenti tal-knisja kif ukoll l-interventi li qed jiġu proposti.

**X'tip ta' ħsara hemm fil-knisja?**

Il-ħsarat li sibna huma bosta, u dawn ivarjaw minn faċċata għal-oħra minħabba l-orjentazzjoni, iżda n-nuqqas ta' manutenzjoni matul il-mijiet ta' snin li ilha mibnija l-knisja hija l-kawża komuni ta' dawn il-ħsarat.

Fost il-ħsarat li osservajna kien hemm tmermir tal-ġebla kkawżat mill-kisi tas-siment li kien sar bħala zokklatura mal-faċċati tal-knisja fis-snin ħamsin u li minħabba fih l-umdità qegħda dejjem titla' aktar 'l fuq (Ritratt 2).


Ritratt 3

Hemm ukoll numru ta' tbajja' mal-ħitan li bosta minnhom huma kkawżati minn ċarċir ta' ilma u nida. Dawn ftit li xejn jikkawżaw ħsara għaliex huma magħmulin minn ħażiż iżda viżwalment jagħmlu dehra kerha. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għal dawk it-tbajja, jew trab ħamrani li nġabar matul is-snin taħt il-gwarniċar, bejn livell u ieħor tal-faċċati. Dan it-trab ħamrani qiegħed jikkawża ħsarat kbar għaliex maż-żmien dan jiekol il-fili u l-ġebla li mhux biss titmermer iżda wkoll titfarrak u taqa' (Ritratt 3).


Ritratt 4

Ħsara oħra li ġiet osservata hija t-titqib tal-ġebla, jew kif teknikament hija magħrufa bħala *alveolar* (Ritratt 4). Ħafna nies jgħidu jiġri hekk għax il-ġebla tkun marida, iżda r-raġuni ta' din il-ħsara hu l-effett ta' l-irjieħat li jħabbtu mal-faċċata u l-proċess ta' tixrib u nxif. Jekk dan il-proċess ma jitwaqqafx, il-ġebla tibqa' tittiekel sakemm tisparixxi. Hekk qed jiġri f'ħafna mill-ponot u kantunieri fejn hemm l-iskultura u l-lavur, iżda dan minħabba proċess ieħor ta' deterjorazzjoni fejn il-ġebla qed tittiekel. Dan il-proċess huwa magħruf bħala *erosion* (Ritratt 5). Huwa propju minħabba dan il-proċess li xi drabi nsibu bċejjeċ ta' ġebel fuq iz-zuntier u li jkunu waqgħu mill-faċċata tal-knisja. Dan il-proċess ta' tmermir matul dawn l-aħħar snin sar wieħed fost l-aktar mgħaġġla għaliex bosta fili li hemm fuq il-gwarniċuni nfetħu u minnhom qed jidħol ħafna ilma tax-xita. Fid-diversi faċċati tal-knisja, b'mod speċjali fil-gwarniċuni, hemm partijiet ta' lavur nieqsa minħabba li l-ġebel maż-żmien faqqa' u waqa' (Ritratt 6).

Iżda l-aktar depożitu fuq il-ġebla li jikkawżalha ħsara huwa dak magħruf bħala *black crust* jew ġmied iswed. Dan il-ġmied normalment insibuh l-aktar taħt il-


Ritratt 5

gwarniċar. Il-ġmied jifforma skorċa ħoxna u li maż-żmien tibda titqaxxar u twaqqa' l-ġebel magħha (Ritratt 7).

**Kif ser insewwu l-ħsara u nikkonservaw il-bini?**

Tajjeb li nibdew billi nispjegaw ftit il-prinċipji li ser inħaddnu matul dan il-proġett. L-idea ta' restawr illum marret il-bogħod minn dak li kien isir ftit snin ilu. Il-bdil ta' kwantità ta' ġebel qadim ma' ġebel ġdid m'għadhiex in-norma f'dan ix-xogħol għaliex illum fi proġetti bħal dawn wieħed jagħmel minn kollox biex iżomm dak kollu li huwa oriġinali. L-istess ser nagħmlu aħna. Il-bdil ta' ġebel ser ikun b'mod limitat u fejn huwa strutturalment meħtieġ biss.

Wara li l-faċċata titnaddaf u tinħasel mit-trabijiet, ħamrija, ħażiż u nugrufun, jitnaddfu l-fili fejn dawn jirriżulta li huma dgħajfa. L-akbar ammont ta' ħsara qed tiġi kkawżata mill-ammont ta' fili miftuħin li hemm f'diversi partijiet tal-faċċata, l-aktar fuq u taħt il-gwarniċar. Fuq il-gwarniċar ser issir kisja b'taħlita ta' deffun bħal ma kien isir fl-antik. Il-fili miftuħin ser jimtlew b'taħlita magħmula minn ġir u ramel – xejn siment għaliex dan jeqred il-ġebla tagħna.

Fix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni li ser nagħmlu fuq il-bini tal-knisja ser nippruvaw insewwu dak kollu li nistgħu mill-ġebel oriġinali b'teknika imsejħa *plastic repair.* Le, le mhux ser nużaw plastik! Dan il-proċess huwa l-bini ta' partijiet nieqsa mill-ġebla b'taħlita ta' tajn apposta li ma fihx siment – proċess li kien jintuża f'xogħol ta' restawr antik u li rega' beda jintuża f'xogħolijiet bħal dawn f'dawn l-aħħar snin. (Ritratt 8)

Il-proġett kollu ser jinqasam f'disa' fażijiet u huwa ppjanat li ser idum madwar bejn ħames u seba' snin, dejjem skond il-qagħda finanzjara wara kull fażi. Ġew identifikati l-partijiet li wieħed għandu jaġixxi fuqhom bi prijorità u tħejja programm ta' xogħlijiet u miri ta' fondi li hemm bżonn sabiex ix-xogħol ma jsirx bl-iskossi.

Ġie deċiż li l-ewwel fażi tal-proġett tinkludi xogħol fuq l-aktar ħaġa li qed tikkawża ħsara fuq il-faċċati tal-knisja. Fis-snin sittin kien moda ħafna l-kisi bis-siment u bit-trab ta' l-irħam. Kien f'dan iż-żmien li z-zokklatura tal-knisja u tliet filati 'l fuq minnha inksiet bis-siment u bit-trab ta' l-irħam. Illum il-ħsara li għamel dan ix-xogħol jidher sew f'diversi partijiet tal-faċċata. L-umdità qiegħda titla' dejjem aktar il-fuq u warajha qed tħalli marki koroh fi tmermir tal-ġebel, speċjalment fil-partijiet fejn m'hemmx il-kannierja. Dan il-kisi ser jitneħħa kollu


Ritratt 6



Ritratt 7

u wara jiġi studjat x'ser isir mill-ġebla ta' taħtu. Dejjem skond il-kundizzjoni li din il-ġebla tinstab fiha.

Bħal bosta mill-bini antik li għandna f'Malta, l-aktar faċċata li jkollha ħsara hija dik li tħares lejn in-Nofsinhar, dan minħabba li din l-aktar li tara xemx u tgħaddi minn proċess ta' tixrib u inxif aktar spiss. Għalhekk l-ewwel tliet fażijiet ta' dan il-proġett ser nikkonċentraw fuq il-faċċata li tħares fuq Misraħ Girgor Bonici u ser nibdew mis-Sagristija tar-Rużarju. Il-faċċata tas-Sagristija tar-Rużarju hija l-aktar parti baxxa mill-faċċati kollha tal-knisja iżda fiha hemm ħafna ħsarat li huma komuni fil-faċċati kollha. Il-proċess jibda bl-armar ta' l-iscaffolding. Il-fili ser jitnaddfu u l-faċċata tibda tinħasel biex titneħħa l-ħamrija li hemm imwaħħla fil-partijiet li ma tolqotx ix-xita. Ser tingħata attenzjoni biex ma jsirx ħasil żejjed sabiex il-kulur ħamrani u sabiħ tal-knisja tagħna jinżamm. Il-fili jerġgħu jimtlew bil-ġir, ramel u trab tal-fuħħar. Ser isir kisi bid-deffun fuq il-partijiet li fuqhom jaqa' l-ilma tax-xita.

Il-proġett kollu ser ikun maqsum kif ġej:
L-ewwel sat-tielet fażi – Il-faċċata fuq Misraħ Girgor Bonici barra l-kampnar
Ir-raba' fażi – Il-faċċata prinċipali u l-kampnari
Il-ħames fażi – Il-faċċata fuq Misraħ ir-Repubblika barra l-kampnar
Is-sitt fażi – Il-faċċata fuq Misraħ 13 ta' Diċembru
Is-seba' fażi – Il-faċċati tal-kappelluni fuq is-sagristiji
It-tmien fażi – In-navi, il-kupletti u l-ħitan kollha ta' fuq il-bjut
Id-disa' fażi – il-koppla

## Proġett ambizzjuż iżda bżonnjuż

Naqbel magħkom li dan huwa proġett ambizzjuż ħafna għalina bħala parroċċa, iżda nemmen ukoll li jekk qatt m'aħna ser nibdew nieħdu ħsieb din il-ġawhra li ħallewlna missirijietna ser jiġi żmien meta ngħidu issa tard wisq. Minn dak li osservajt matul dawn l-aħħar għoxrin sena, emmnuni jekk tridu, il-bini tal-knisja mar lura ħafna. Bħal ma tafu ż-żmien itir u naħseb li bħali ma tixtiequx li jasal iż-żmien li ngħidu – Issa tard wisq!



Ritratt 8